MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta ta' l-1 ta' Marzu, 2005

Citazzjoni Numru. 801/1991/1

**John Scicluna bħala *chairman* għan-nom u in rappreżentanza tal-Korporazzjoni *Telemalta*; u b'dikriet ta' l-1 ta' Marzu 2005 il-kawża tkompliet f'isem is-soċjetà *Maltacom p.l.c.***

***Versus***

**Cornelius magħruf bħala Maurice Scifo Diamantino; u b'dikriet tas-6 t'April 1992 issejħu fil-kawża Cecil Alberto Diamantino *sive* Scifo Diamantino u Celine mart Umberto Angelone; u, b'dikriet ta' l-4 ta' Mejju 2001, wara l-mewt ta' Cecil Scifo Diamantino l-atti ġew trasfużi f'isem martu Maria Diamantino**

F'din il-kawża l-attriċi qiegħda titlob il-ħlas ta' mitejn u wieħed u sittin lira u sitta u ħamsin ċenteżmu (Lm261.56) għas-servizz tat-*telephone* bin-numru 337736 fil-fond 23, Triq Norfolk, tas-Sliema. Qiegħda titlob ukoll l-ispejjeż u l-imgħax.

Il-konvenut Cornelius Scifo Diamantino ressaq dawn l-eċċezzjonijiet:

1. ma huwiex kontradittur leġittimu, u għalhekk għandu jinħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju, għax hu qatt ma daħal f'relazzjoni ġuridika ma' l-attriċi dwar is-servizz tat-*telephone* bin-numru 337736;
2. hu qatt ma talab, f'ismu *proprio*, li jitqiegħed servizz tat-*telephone* bin-numru 337736 fil-fond 23, Triq Norfolk, tas-Sliema; u
3. ma għandux jagħti dak li hu mitlub fiċ-ċitazzjoni għax qatt ma nqeda bis-servizz tat-*telephone* bin-numru 337736 fil-fond 23, Triq Norfolk, tas-Sliema, u dak il-fond qatt ma kien okkupat minnu, la qabel u lanqas wara l-1987.

B'nota tat-18 ta' Novembru 1991 il-konvenut kompla ressaq l-eċċezzjoni illi l-qorti hija inkompetenti *ratione materiæ* biex tisma' din il-kawża, iżda b'nota oħra tas-6 t'April 1992 irrinunzja għal din l-aħħar eċċezzjoni.

B'dikriet tas-6 t'April 1992 fuq talba tal-konvenut issejħu fil-kawża Cecil Albert Diamantino *sive* Scifo Diamantino u Celine Angelone.

Celine Angelone ressqet l-eċċezzjoni illi ma hijiex responsabbli għall-ħlas ta' l-ammont mitlub fiċ-ċitazzjoni. Cecil Albert Diamantino *sive* Scifo Diamantino ma ressaqx eċċezzjonijiet u baqa' kontumaċi.

Li kieku l-qorti f'din il-kawża kellha toqgħod biss fuq ix-xhieda mressqa mill-attriċi, kienet mingħajr eżitazzjoni tiċħad it-talba magħmula fiċ-ċitazzjoni. L-attriċi ma esebietx kopja tal-ftehim oriġinali dwar il-linja tat-*telephone* li għaliha qiegħda titlob ħlas; esebiet biss kopja[1] ta' talba magħmula fit-2 ta' Ġunju 1982 minn "C. S. Diamantino" biex il-linja tiġi *reconnected* wara li kienet inqatgħet, iżda r-rappreżentant ta' l-attriċi ma kienx jaf igħid min hu "C. S. Diamantino", jekk hux xi wieħed mill-konvenuti jew xi ħadd ieħor.

B'*affidavit* maħluf fis-6 ta' Lulju 2003, iżda, il-konvenut Cornelius Scifo Diamantino stqarr illi l-firma fuq it-talba tat-2 ta' Ġunju 1982 hija tiegħu. Qal ukoll, iżda, illi t-talba, għalkemm iffirmaha hu, ma iffirmahiex f'ismu iżda f'isem ommu, Carmelina Scifo Diamantino, li nzertat għandha l-ewwel ittri ta' isimha "C. S." bħal tiegħu.

---

1 *Fol*. 35.

Min jiffirma jew jidher fuq ftehim mhux f'ismu iżda f'isem ħaddieħor għandu l-oneru li jgħarraf lill-parti l-oħra b'dan; fin-nuqqas, il-*bona fides* u l-ħarsien ta' l-affidament li tagħmel il-parti li ma tkunx mgħarrfa bil-kwalità rappreżentativa jitolbu illi jitqies illi daħal fil-kuntratt f'ismu *proprio*. Fuq it-talba tat-2 ta' Ġunju 1982 ma hemm xejn li juri illi min iffirma kien qiegħed jiffirma għal ħaddieħor. Għalhekk il-konvenut għandu jitqies illi kien qiegħed jintrabat f'ismu *proprio*.

Lanqas ma huwa relevanti illi l-konvenut, li għamel f'ismu l-ftehim ma' l-attriċi, ma kienx jinqeda bil-linja u ma kienx joqgħod fil-post fejn tqiegħdet il-linja: ladarba l-ftehim għamlu hu, huwa hu li jwieġeb għall-ħlasijiet li jmissu lill-attriċi, bla ħsara għall-jedd tiegħu li jdur kontra min tassew inqeda bil-linja.

Il-qorti għalhekk taqta' l-kawża billi, wara li teħles lill-imsejħa fil-kawża mill-ħarsien tal-ġudizzju u tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut, tikkundanna lill-konvenut Cornelius *sive* Maurice Scifo Diamantino iħallas lill-attriċi mitejn u wieħed u sittin lira u sitta u ħamsin ċenteżmu (Lm261.56) flimkien ma' l-imgħax u l-ispejjeż mitluba fiċ-ċitazzjoni. L-ispejjeż ta' l-imsejħa fil-kawża wkoll iħallashom il-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------